REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1086

tad-19 ta' Ġunju 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 634/2007 fir-rigward tal-karatterizzazzjoni tas-selenometjonina prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R397

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]) u b'mod partikulari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 634/2007 ([2]) kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2013 ([3]) jawtorizza s-selenometjonina prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R397 bħala addittiv fl-għalf.

(2) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni li talbet modifika tal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-karatterizzazzjoni tal-addittiv fl-għalf. Dik l-applikazzjoni ġiet ippreżentata flimkien mad-dejta ta' sostenn rilevanti. Il-Kummissjoni bagħtet dik l-applikazzjoni lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"). L-applikant inizjalment talab l-inklużjoni tal- kontenut ta' selenosisteina fil-karatterizzazzjoni tal-addittiv iżda fl-aħħar irtira din il-bidla; għalhekk l-applikazzjoni tikkonċerna biss żieda tal-kontenut massimu ta' selenju fl-awtorizzazzjoni attwali tal-addittiv.

(3) Fl-opinjoni tagħha tal-20 ta' Ottubru 2016 ([4]) l-Awtorità kkonkludiet li l-modifika mitluba ma kinetx se taffettwa s-sikurezza u l-effikaċja tal-prodott, filwaqt li fakkret ir-riskju għas-sikurezza tal-utent tal-prodott. L-att ta' awtorizzazzjoni attwali fih dispożizzjoni biex b'mod adegwat tindirizza dan ir-riskju.

(4) L-evalwazzjoni tal-preparazzjoni mmodifikata turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 634/2007 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 634/2007

Fir-raba' kolonna tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 634/2007, it-test bejn l-intestatura "Il-karatterizzazzjoni tal-addittiv" u l-intestatura "Metodu analitiku" jinbidel b'dan li ġej:

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 634/2007 tas-7 ta' Ġunju 2007 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R397 bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 146, 8.6.2007, p. 14).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2013 tat-8 ta' Mejju 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodott minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R646 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1750/2006, (KE) Nru 634/2007 u (KE) Nru 900/2009 fir-rigward tal-livelli massimi ta' supplimentazzjoni ma' ħmira selenizzata (ĠU L 127, 9.5.2013, p. 20).
([4]) *EFSA Journal* 2016;14(11):4624.

"Selenju organiku, l-aktar kontenut ta' selenometjonina (63 %) bejn 2 000 u 3 500 mg Se/kg (97 sa 99 % ta' selenju organiku)."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER